## Il-Ħadd, 29 ta' Novembru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Kunu għajnejkom miftuħa, ishru,
għax ma tafux meta se jasal il-waqt.
Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer
u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn
il-qaddejja tiegħu, kull wieħed
fuq xogħlu, u lil tal-bieb jordnalu
biex jibqa' jishar.
Mela ishru,
għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar,
jekk hux filgħaxija, jew f'nofsillejl,
jew xħin jidden is-serduk,
jew inkella mas-sebħ,
li ma jmurx jiġi għal għarrieda
u jsibkom reqdin. U dak li qiegħed
ngħid lilkom, qiegħed ngħidu
għal kulħadd: ishru!"

***Mill-Evanġelju skont San Mark, kapitlu 13, versi 33-37***

**1**

"'Ejjew immorru Betlehem
ħalli naraw x'ġara
kif għarrafna l-Mulej':
hekk jgħidu r-ragħajja wara
t-tħabbira li jagħmlulhom l-anġli.
Hu tagħlim sabiħ ħafna
li jasal għandna
fis-sempliċità tad-deskrizzjoni.
B'differenza minn tant nies
ħsiebha biex tagħmel
elf ħaġa oħra,
ir-ragħajja jsiru
l-ewwel xhieda tal-essenzjal,
jiġifieri tas-salvazzjoni
li tingħata bħala don."

PAPA FRANĠISKU, Ittra Appostolika,
*Admirabile Signum*, nru 5, 1 Diċembru 2019

*Nagħmel għassa tiegħi nnifsi?*

*Dak li nintebaħ li Alla jrid minni x'nagħmel bih?*

# Li toqgħod għassa

Mulej, ir-ragħajja
- l-ewwel fost il-viżitaturi tat-Tarbija ta' Betlehem -
mhux biss kienu jgħassu l-merħliet tagħhom;
kienu wkoll għassa tagħhom infushom,
tal-ħajja tagħhom,
ta' dak li kien qed jiġri ġo fihom.
Minħabba f'hekk
setgħu jindunaw bi ħwejjeġ
li ħaddieħor ma jindunax bihom
għax aljenat,
għax mitluf fuq elf ħaġ'oħra:
setgħu jindunaw
li Alla jitkellem fil-ħajja ta' kuljum;
setgħu jindunaw li Alla huwa Ħellies.
Agħtini l-grazzja, Mulej,
li ma nħallix l-essenzjal jaħrabli minn ħajti.

## It-Tnejn, 30 ta' Novembru 2020

Ġesù daħal Kafarnahum,
u resaq fuqu wieħed ċenturjun
jitolbu bil-ħerqa u jgħidlu:
"Sinjur, id-dar għandi l-qaddej
mixħut, mifluġ u batut wisq."
Qallu Ġesù: "Niġi jien infejqu."
"Sinjur", qallu ċ-ċenturjun,
"ma jistħoqqlix
li tidħol taħt is-saqaf tiegħi.
Iżda int għid kelma biss,
u l-qaddej tiegħi jfiq."
Ġesù baqa' mistagħġeb
meta sama' dan,
u qal lil dawk li kienu miexja warajh:
"Tassew, ngħidilkom,
f'ħadd minn Iżrael
ma sibt fidi bħal din."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 8, versi 5-8.10***



"Il-Mulej baqa' mistagħġeb
biċ-ċenturjun, bil-fidi li kellu.
Kien għamel mixja
biex jiltaqa' mal-Mulej;
imma kien għamilha bil-fidi.
Minħabba f'hekk
mhux biss iltaqa' mal-Mulej,
imma ħass il-ferħ
li hu kien ġie milqugħ minnu ...
Mhux aħna s-sidien
ta' laqgħa bħal din ...
Huwa Hu li jiltaqa' miegħi,
jgħidli dak li jrid jgħidli,
li mhux dejjem ikun
dak li jien irrid li jgħidli!"

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 2 Diċembru 2013

# Sid il-laqgħa

*Importanti*
*għalija*
*li nagħmel*
*mixja*
*biex niltaqa'*
*mal-Mulej?*

*Meta nersaq*
*lejn Alla,*
*nersaq lejH*
*bl-attitudni*
*ta' xi ħadd*
*li*
*ma jistħoqqlux?*

Meta niltaqa' miegħek, Mulej,
inġib ruħi bħallikieku jien il-protagonista
ta' laqgħa bħal din;
naħseb li kollox hu frott
ta' kemm nitħabat jien, ta' kemm nistinka jien.
Spiss insib lili nnifsi nagħmlek xi ħaġa
li jien irrid nakkwista.
U b'hekk inkun qed ninsa
li huwa iktar Int li trid tidħol f'ħajti
milli jien nidħol f'ħajtek;
huwa iktar Int li għandek xi tgħidli
milli jien għandi x'ngħidlek.
Aħfirli, Mulej, meta nersaq lejk
b'ħafna pretensjonijiet.
Libbisni l-umiltà taċ-ċenturjun,
u agħtini l-fidi li kellu hu.

## It-Tlieta, 1 ta' Diċembru 2020

Ġesù tqanqal bil-ferħ
mill-Ispirtu s-Santu u qal:
"Infaħħrek, Missier,
Sid is-sema u l-art,
għax int dawn il-ħwejjeġ
ħbejthom
lil min għandu l-għerf u d-dehen
u wrejthom liċ-ċkejknin.
Iva, Missier,
għax lilek hekk għoġbok.
Kollox kien mogħti lili
minn Missieri,
u ħadd ma jagħraf min hu l-Iben
ħlief il-Missier,
anqas min hu l-Missier
ħlief l-Iben u dak li lilu
l-Iben irid jgħarrafhulu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 10, versi 21-22***

3

"Fil-presepji tagħna s-soltu nqiegħdu għadd ta' pasturi simboliċi. Fuq quddiemnett ikun hemm dawk ta' tallaba u ta' nies li ma jafux b'għana ieħor ħlief dak tal-qalb. Huma wkoll jersqu bil-jedd kollu qrib ta' Ġesù Bambin, bla ma ħadd jista' jisfrattahom jew ibegħedhom minn benniena maħluqa hekk ta' malajr illi l-foqra xejn ma jistunaw madwarha. Anzi, il-foqra huma l-ipprivileġġjati ta' dan il-misteru u, spiss, dawk li l-aktar jirnexxilhom jagħrfu l-preżenza ta' Alla ġo nofsna."

PAPA FRANĠISKU, Ittra Appostolika,
*Admirabile Signum*, nru 6, 1 Diċembru 2019

*Naċċetta jien*
*li Alla*
*juri lilu nnifsu*
*liċ-ċkejknin*
*biss?*

*L-għerf*
*u d-dehen*
*li jiena għandi*
*nħallihom*
*jitilgħuli*
*għal rasi?*

# Ċkejken

Missier Qaddis,
lil Ibnek Ġesù għamiltu ċkejken
biex lili ddaħħalni fil-kobor tiegħek;
għamiltu xejn
biex lili ddaħħalni fil-ħafna tiegħek;
battalt fih dak kollu li jiena jien
biex jimlieni bik.
Tabilħaqq, Missier,
jeħtieġ li nkun ċkejken bħal Ibnek
biex narak,
biex nilqgħek,
biex nifhmek,
biex nidħol fid-dinja tiegħek.
Neżżagħni, għalhekk, minn kull kburija,
u neħħi minni kull għerf u dehen
li ma jħallunix inkun ċkejken.

## L-Erbgħa, 2 ta' Diċembru 2020

Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Nitħassarhom lil dawn in-nies, għax ġa ilhom tlitt ijiem miegħi u ma għandhom xejn x'jieklu. Ma rridx inħallihom imorru sajmin, li ma jmurx iħosshom ħażin fit-triq." Qalulu d-dixxipli: "F'deżert bħal dan minn fejn se nġibu ħobż biżżejjed biex inxebbgħu kotra hekk kbira?" Ġesù staqsiehom: "Xi kemm għandkom ħobż?" Qalulu: "Sebgħa, u xi ftit ħut żgħir." Imbagħad qal lin-nies kollha jinxteħtu bilqiegħda fl-art, ħa s-seba' ħobżiet u l-ħut, radd il-ħajr, qasamhom u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies. U kulħadd kiel u xaba'."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 15, versi 32-37a***

# 4

"Meta daħal f'din id-dinja,
il-post li sab l-Iben ta' Alla kien
fejn il-bhejjem kienu jmorru jieklu.
It-tiben isir l-ewwel sodda
għal Dak li kellu jurina
li huwa 'l-ħobż li niżel mis-sema.'
Din hi simboloġija li diġà Santu
Wistin, flimkien mal-Missirijiet
l-oħra tal-Knisja, kien inqeda biha
meta kiteb: 'Mimdud ġo maxtura,
sar għalina ikel.'
Fir-realtà, il-presepju
fih diversi misteri tal-ħajja ta' Ġesù
u jqarribhom
lejn il-ħajja tagħna ta' kuljum."

PAPA FRANĠISKU, Ittra Appostolika,
*Admirabile Signum*, nru 2, 1 Diċembru 2019

*Lil Kristu*
*nħallih jagħmel*
*differenza*
*f'ħajti?*

*Kemm*
*qed nieħu minnu*
*biex ħajti*
*taqbad*
*triq oħra?*

# Ikel

X'sensittività kbira għandek, Mulej,
lejn il-ħtieġa
li, ta' bnedmin li aħna,
f'kull waqt ta' ħajjitna aħna jkollna min isostnina!
U għalhekk,
Inti dejjem titfa' lilek innifsek fuq quddiem
biex tagħmel tajjeb għal din il-ħtieġa:
tara dejjem x'tagħmel
biex fit-triq tal-ħajja
mhux biss ma nħossuniex ħażin
talli wkoll inħossuna tajjeb.
Inti tassew Dak li tista' tqatta' u tiekol minnek.
Agħmel li aħna ma ngħejjew qatt
immaxtru lilek,
dak li Inti Int,
u dak li trid tagħnina bih.

## Il-Ħamis, 3 ta' Diċembru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Mhux kull min jgħidli:
'Mulej, Mulej',
jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet,
iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri
li hu fis-smewwiet.
Għalhekk,
kull min jisma' dan kliemi
u jagħmel li qiegħed ngħid jien,
isir jixbah lil bniedem għaqli
li bena daru fuq il-blat.
Niżlet ix-xita, ġew il-widien,
qamu l-irwiefen
u ħabbtu fuq dik id-dar,
iżda ma ġġarrfitx
għax kellha s-sisien tagħha
fuq il-blat."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 7, versi 21.24-25***

# 5

"Jeżistu nsara fl-apparenza biss:
persuni li jirtukkaw
lilhom infushom ta' nsara,
u fil-mument tal-prova
jkollhom biss l-irtokk ...
nies li jgħidu li ġejjin
minn familja kattolika ħafna,
li huma membri ta' xi għaqda;
li huma benefatturi
ta' xi għaqda oħra.
Imma l-mistoqsija
li dawn in-nies jeħtieġ li jagħmlu
lilhom infushom hija din:
'Ħajti hija mibnija fuq Ġesù
jew fuq l-apparenzi?'"

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 4 Diċembru 2014

*Fuqhiex*
*hi mibnija*
*l-ħajja tiegħi*
*ta' dixxiplu*
*tal-Mulej?*

*Jien*
*fl-apparenza*
*biss*
*nisrani?*

# Irtokk

Ma nafx li jien qatt għamilt xi pjan, Mulej,
biex ħajti nibniha fuq ir-ramel;
imma nistqarr li hemm drabi
li fihom narani nserraħ moħħi wisq
li Int il-Mulej tiegħi
għax jiena mgħammed,
għax quddiesa l-Ħadd immur,
għax minix nieqes
mill-kuntatt mal-Kelma tiegħek.
Imma x'jiswa dan kollu
jekk imbagħad ma nħallihomx jissarrfu f'ħajti,
jekk ma nħallikx tkun il-Mulej tiegħi tabilħaqq,
jekk ma nħallikx tgħinni nagħraf u nwettaq
dak li l-Missier irid minni?
Tħallinix, Mulej, inkun nisrani tal-isem;
tħallinix inkun nisrani bi ftit irtokk biss.

## Il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2020

Waqt li Ġesù kien għaddej
marru warajh
żewġ għomja
jgħajtu u jgħidu:
"Bin David, ħenn għalina!"
Meta mbagħad daħal id-dar,
l-għomja resqu lejh
u Ġesù qalilhom:
"Temmnu intom
li jien nista' nagħmlu dan?"
Qalulu: "Iva, Mulej."
Imbagħad
messilhom għajnejhom
u qal:
"Mela ħa jsirilkom
skont il-fidi tagħkom."
U għajnejhom infetħulhom.

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 9, versi 27-30a***

6

"Li titlob għandu ftit mill-fatt
li lil Alla tagħtih fastidju
biex jisimgħek ...
li titlob ifisser tattira l-għajnejn,
tattira l-qalb ta' Alla lejk.
Dan hu li għamlu ż-żewġ għomja
li marru qrib tal-Mulej.
Qalulu:
'Jekk inti trid, tista' tfejjaqna!'
U dil-karba għamluhielu
żguri li Hu seta' jagħmel li jseħħ
dak li huma talbuh.
Hekk jgħallimna nitolbu
l-Mulej Ġesù."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 6 Diċembru 2013

*Kif nersaq jien lejn Alla?*

*Xi jmexxini fit-talb: l-entużjażmu jew il-qtigħ ta' qalb?*

# Fastidju

Fastidju: il-kelma ġġib hekk, Mulej;
għax meta nħabbat fuq il-bieb tiegħek
darba, darbtejn, tlieta, u iżjed drabi,
biex nitolbok xi ħaġa,
naf li l-krib tiegħi ma jdejqek xejn,
naf li inti ma tiffastidjax ruħek.
Anzi, inti stess għedtilna
biex nagħmlu hekk,
mhux għax Inti Alla li tiċċaqlaq biss
meta donnu niffittawk,
u allura tagħmel xi ħaġa
biex tagħlqilna ħalqna.
Inti Alla li tħalli lilek innifsek tintlaqat
mid-determinazzjoni tagħna.
Inti Alla li tħalli lilek innifsek tintrebaħ
mill-fiduċja li għandna aħna fik.

## Is-Sibt, 5 ta' Diċembru 2020

Ġesù sejjaħ lejh
it-tnax-il dixxiplu tiegħu,
tahom is-setgħa
fuq l-ispirti ħżiena biex ikeċċuhom,
u jfejqu kull xorta ta' mard
u 'l kull min kien nieqes
minn saħħtu.
U tahom dawn l-ordnijiet:
"Morru fittxu n-nagħaġ il-mitlufa
tad-dar ta' Iżrael.
Intom u sejrin,
xandru u għidu
li s-Saltna tas-Smewwiet waslet.
Fejqu l-morda, qajmu l-mejtin,
fejqu l-lebbrużi, keċċu x-xjaten.
B'xejn ħadtu,
b'xejn agħtu."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 10, versi 1. 6-8***

7

"Il-fatt li huwa Ġesù li 'sejjaħ',
li'tahom is-setgħa',
'li tahom dawn l-ordnijiet',
agħmel minn Ġesù
ċ-ċentru tal-azzjoni missjunarja
tat-Tnax.
Dak li huma jwettqu
jirradja minn dan iċ-ċentru;
fl-azzjoni tagħhom hemm
il-preżenza u l-ħidma ta' Ġesù.
L-Appostli ma jħabbru xejn
li huwa tagħhom.
Huma jitkellmu u jaġixxu bħala
persuni mibgħutin minn Ġesù,
bħala messaġġiera tiegħu."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 15 Lulju 2018

*Kristu*
*l-protagonista*
*jew jien?*

*Il-Bxara t-tajba*
*nħalliha*
*bxara tiegħu?*

# Messaġġiera

Huwa Int, Mulej,
li ssejħilna - bħala mgħammdin -
biex nagħtu xhieda tal-Evanġelju tiegħek
fl-ambjenti kollha tal-ħajja li nkunu fihom.
U għalhekk nitolbuk tgħinna niftakru:
li din ix-xhieda trid tibda fik
u tintemm fik;
li l-Aħbar it-tajba hija Int,
mhux aħna;
li aħna ma nħabbru xejn li huwa tagħna;
li l-inizzjattiva hija dejjem tiegħek,
mhux tagħna;
li aħna m'aħniex ħlief messaġġiera
li jirradjaw lilek,
li jirradjaw il-fidwa li ksibtilna,
li jirradjaw imħabbtek.